*Thassir talba hlas Taxxa; Artikolu 466 (Kap. 12)*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2018**

**Numru 3**

**Citazzjoni Numru 559/04TA**

**Patrick Spiteri, personalment u bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Foresight Holdings Limited**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Nterni u b'digriet tat-30 ta' Ottubru, 2017 il-Qorti ordnat il-bidla fl-isem tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghall-Kummissarju ghat-Taxxi**

**Il-Qorti:**

Rat ic-Citazzjoni ta' Patrick Spiteri pro et noe ipprezentata u mahlufa minnu stess fit-30 ta' Lulju 2004, li permezz taghha ippremetta u talab is-segwenti:-

> "Premess illi l-attur gie notifikat b'ittra ufficjali u bl-avviz ta' talba ghal hlas permezz ta' liema gie mitlub ihallas is-somma ta' elfejn hames mija u disgha lira maltin rapprezentanti Taxxa u kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali u Taxxa

u kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali addizzjonali u dan kif jirrizulta mill-istess dokument A;

U billi l-ammont in kwisjtoni ma huwiex dovut mill-kumpanija attrici, fost l-ohrajn ghaliex il-kumpannija attrici, fiz-zmien rilevanti ma kelhiex nies jahdmu maghha;

U billi ghalhekk l-attrici qieghda tikkontesta l-ittra ufficjali u l-avviz ta' talba ghal hlas premessi;

U billi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghid il-Kummissarju konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tiddikara li l-kumpanija attrici ma ghandhiex taghti lill-kummissarju konvenut is-somma mitluba fl-avviz dokument A, Taxxa u kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali u lanqas bhala Taxxa u kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali addizzjonali u dan minhabba r-ragunijiet pemessi kif ukoll dawk ir-ragunijiet kollha li jirrizultaw waqt is-smigh ta' din il-kawza.

2. Thassar u tirrevoka l-effetti kollha tal-ittra ufficjali premessa u tal-avviz ta' Talba ta' hlas anness maghha mertu ta' din il-kawza;

Bl-ispejjez kontra il-kummissarju konvenut li hu minn issa ingunt in subizzjoni."

Rat in-Nota ta' Eccezzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni presentata u mahlufa minn Alfred Camilleri fl-14 ta' Ottubru 2008 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"1. Illi fl-ewwel lok, tenut kont li l-ammont in kwistjoni jikkostitwixxi ormai titolu ezekuttiv, l-atturi jridu ghallinqas jindikaw abbazi ta' liema ligi qeghdin jintavolaw ic-citazzjoni odjerna specjalment in vista tal-fatt li la l-Artikolu 466 u lanqas l-Artikolu 283A tal-Kap 12 ma huma applikabbli;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ic-citazzjoni ta' l-atturi hija irritu u nulla in kwantu din l-Onorabbli Qorti mhix vestita bil-kompetenza sabiex tiehu konjizzjoni ta' pretensjonijiet li ma jeccedux l-ammont ta' hdax-il elf sitt mija u erbghin euro u sebgha u tmenin

centezmu (11,646.87) ossija hamest elef liri Maltin stante li dik il-kompetenza tispetta lill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta);

3. Illi inoltre u dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, ic-citazzjoni kif imposta hija ukoll irritu u nulla dato conto li l-ittra ufficjali kontestata f'dawn il-proceduri giet intavolata proprju fil-Qorti tal-Magistrati Malta ('Dok A') u ghaldaqstant l-atturi ma jistghux jittentaw li jattakkawha f'sede ohra;

4. Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, ic-citazzjoni odjerna hija ukoll intempestiva u ghaldaqstant irritu u nulla ai termini tar-Regola 24(4) tar-Regoli dwar *Final Settlement System* (FSS) (Legislazzjoni Sussidjarja 372.14) u ta' l-Artikolu 116(2) ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. Illi in ogni caso, dejjem minghajr pregudizzju, mhux minnu li fiz-zmien rilevanti l-kumpannija attrici ma kellhiex nies jahdmu maghha. Fil-fatt, skond formoli tal-'*Final Settlement System (FSS) Payee Statement of Earnings'* ta' impjegati *full-time* tas-Socjeta` Foresight Holdings Limited ffirmati mill-attur stess a nom tas-socjeta` attrici, hawn annessi u mmarkati 'Dok C.', 'Dok D', 'Dok E', 'Dok F' u 'Dok G' jirrizulta li s-socjeta` attrici kellha ta' l-inqas hames impjegati full time matul is-sena bazi 2003;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet kollha ta' l-atturi bhala infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra taghhom."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Rat is-Sentenza in parte moghtija fl-20 ta' Ottubru 2009 minn din il-Qorti meta kienet diversament presjeduta;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2017, fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Din hi azzjoni biex tattakka u twaqqa' avviz ta' talba ghal hlas u ittra ufficjali mibghuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni lill-Attur personalment u bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjetá Foresight Holdings Limited, ghal hlas ta' somma ta' elfejn u hames mija u disa' liri Maltin u hamsin centezmu (LM2509.50 ekwivalenti ghal €5845.56) rapprezentanti Taxxa ta' l-FSS mnaqqsa minnu bhala pagatur u Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtá Socali kif ukoll Taxxa Addizzjonali FSS u Kontribuzzjoni Addizzjonali tas-Sigurtá Socjali mahduma ai termini tal-artikolu 44 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 116 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Il-Konvenut Kummissarju laqa' ghal din l-azzjoni billi ssolleva numru ta' eccezzjonijiet preliminari rigward is-siwi tal-azzjoni kif proposta, kif ukoll eccezzjonijiet fil-mertu.

**3.** Permezz ta' Sentenza in parte moghtija fl-20 ta' Ottubru 2009 (a` fol 64), din il-Qorti diversament presjeduta, fejn stharrget l-erba' eccezzjonijiet preliminari tal-Kummissarju Konvenut u, ghal ragunijiet hemm imfissra, filwaqt li cahdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet preliminari msemmija, astjeniet milli taghti gudizzju dwar ir-raba' eccezzjoni preliminari u ordnat il-prosegwiment tal-provi.

**<u>Punti ta' Ligi</u>**

**4.** Fil-verbal datat 5 ta' Marzu 2009 (a` fol 42), l-Attur iddikjara l-azzjoni odjerna bhala wahda "*mahsuba kemm biex tattakka l-avviz tat-talba ghall-hlas taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll biex tattakka t-talba maghmula mill-konvenut bl-Ittra ufficcjali ghall-finijiet tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12.*"

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**5.** Din il-Qorti hija marbuta li tara jekk din l-azzjoni fil-qafas tal-kawzali kif imfassla mill-Attur tistax tirnexxi. Ghalhekk il-Qorti trid tezamina jekk din l-azzjoni hijiex misthoqqa in kwantu hija mahsuba biex tattakka l-ittra ufficjali abbazi tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz ta' Talba ghall-Hlas a` tenur ta' dak jiddisponi l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta).

*<u>L-Artikolu 466 tal-Kap. 12 u l-ittra ufficjali prezentata mill-Kummissarju Intimat</u>*

**6.** Jirrizulta, anke ma l-ewwel daqqa t'ghajn, li l-Kummissarju Konvenut ma procediex bl-ittra ufficjali mertu tal-kaz (a` fol 5 u 22) taht l-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Johrog car mill-Avviz ta' Talba ghall-Hlas stess (a` fol 6 u 23), anness mal-ittra ufficjali mertu tal-Kawza, li l-istess ittra ufficjali giet hekk prezentata mill-Kummissarju ghall-finijiet kontemplati fl-artikolu 116(2) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta. Tabilhaqq, fit-tieni paragrafu tat-tieni kaxxa tal-Avviz imsemmi, kif ffirmata mill-Kummissaru tat-Taxxi Interni s-Sur A. Chetcuti, hemm imnizzel dawn il-precizi kelmiet:-

> "**Rigward il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtá Socjali:** skond l-artikolu 116(2) ta' l-Att dwar is-Sigurtá Socjali, jekk il-kontribuzzjonijiet dovuti minnek flimkien mal-kontribuzzjoni addizzjonali jibqghu ma jithallsux fi zmien tliet xhur miz-zmien preskritt mill-ligi, <u>se tintbghatlek ittra ufficjali li inti tkun tista' tikkuntestaha biss fil-Qorti, fi zmien ghaxart ijiem minn meta tirceviha</u>. Fin-nuqqas ta' dan, it-talba dwar il-hlas kif tidher fl-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv skond il-ligi".

**7.** Ladarba l-imsemmija ittra ufficjali ma saritx taht l-Artikolu 466, il-procedura reklamata mill-Attur ma hiex dik idonea. Kif tajjeb osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs John Mousu** moghtija fit-30 ta' Mejju 2014, "*Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri*

*jridu jimxu a bazi tal-kawzali kif imressqa ghal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bazi ta' kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-Qorti tinvestiga lill'hinn minn dik il-kawzali. Kif intqal, per ezempju, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Azzopardi v. Azzopardi deciza fil-31 ta' Jannar 2003, "il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed". L-istess logika u konkluzjoni jsegwu jekk tigi adottata procedura hazina. L-azzjoni tar-rikorrenti hi ghalhekk monka u ghandha tieqaf hawn.*"

**8.** L-azzjoni odjerna hija bl-istess mod wahda monka u ghaldaqshekk sejra tigi rigettata minn din il-Qorti.

<u>L-Avviz ta' Talba ghall-Hlas a tenur ta' dak dispost fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>.

**9.** Fl-Avviz innifsu hemm imnizzel u spjegat li "**Rigward it-taxxa:** dan ghandu jitqies bhala AVVIZ TA' TALBA GHAL HLAS (demand notice) skond l-Att dwar l-Amministrazzoni tat-Taxxa … … Jekk ma taqbilx ma l-ammont ta' taxxa (FSS) tista' tikkontesta <u>biss</u> billi tiftah kawza f'Qorti tal-gustizzja. <u>Jekk ma tikkontestax, dan l-avviz ikun jissostitwixxi titolu ezekuttiv skond l-artikolu 40(1)(b) ta' l-Att.</u>" (Sottolinear ta' din il-Qorti)

**10.** L-imsemmi Artikolu 40(1)(b) tal-Kap 372 jikkostitwixxi bhala titolu ezekuttiv "l-avviz imsemmi fl-artikolu 23(7)", jigifieri l-Avviz ta' Talba ghal Hlas hawn attakkat. Fil-proviso tal-imsemmi artikolu 23(7) tal-Kap. 372

hemm stipulat li "persuna li tkun ġiet notifikata b'avviż ta' talba b'konsegwenza ta' ċaħda mill-Kummissarju skont dan is-subartikolu tista' tappella minn dik id-deċiżjoni f'qorti tal-ġustizzja fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż".

**11.** Mix-xhieda mhux kontradetta ta' Noel Mangion (a` fol 263-264) jirrizulta li l-Avviz ta' talba ghal hlas gie notifikat lill-Attur fit-2 ta' April 2004:-

"**Dr. Sarah Vassallo:** Mela sur Mangion, nirreferik ghal Dok A pagna 2. Tista' tispjegalna dak id-dokument x'inhu, sur Mangion?

**Xhud:** Dan huwa avviz ghal talba tal-hlas … … Avviz ta' talba tal-hlas lil Patrick Spiteri personalment u bhala Direttur ghan-nom tas-socjetá Forsight Holdings Limited.

**Dr. Sarah Vassallo:** U tista' tikkonfermalna, jekk joghgbok, meta ntbaghatu u jekk intbghatx?

**Xhud:** Intbghat, id-data minghalija t-2 t'April, 2004".

**12.** Fit-termini tal-artikolu 29(1) tal-istess Kap 372 tal-ligijiet ta' Malta **"***Avviż jista' jkun notifikat lil persuna sew personalment jew billi jintbagħat bil-posta fl-indirizz tagħha l-aħħar magħruf tan-negozju jew privat, u għandu, fl-aħħar każ, ħlief jekk jiġi ppruvat il-kuntrarju, jitqies li kien ġie notifikat, fil-każ*

*ta' persuni residenti f'Malta, mhux aktar tard mit-tielet jum wara l-jum tal-impustar*".

**13.** Ladarba fl-atti processwali ma hemm l-ebda prova li turi l-kuntrarju ta' dak dispost fl-Artikolu 29(1), ghandu jitqies li l-Attur gie notifikat bl-Avviz inkwistjoni fil-5 ta' April 2004, jigifieri tlett ijiem wara t-2 ta' April 2004. Dan qieghed ukoll jinghad fid-dawl tal-verbal li ghamlet l-Avukat Sarah Vassallo ghall-Kummissarju konvenut fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2008 fis-sens li "B'referenza ghar-raba' eccezzjoni tal-konvenut l-Avukat Sarah Vassallo fuq mistoqsija tal-Qorti tixtieq tirrileva li l-eccezzjoni kellha tkun fis-sens li l-azzjoni waqghet bl-gheluq taz-zmien li fiha kellha ssir il-kawza, u mhux li din il-kawza saret qabel waqtha."

**14.** Ic-citazzjoni odjerna giet prezentata fit-30 ta' Lulju 2004, jigifieri ferm iktar minn hmistax-il jum mid-data tal-5 ta' April 2004. Min dan isegwi, li c-citazzjoni bla dubju saret fuori termine u li ghalhekk l-Avviz ta' Talba ghal Hlas jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fit-termini tal-Artikolu 40(1)(b) tal-Kap. 372. F'dan ir-rigward fis-Sentenza fl-ismijiet tas-27 ta' Jannar 2011 **Wallace Fino et vs Kummissarju tat-Taxxxi Nterni** il-Prim Awla Civili kellha dan xi tghid:-

> "*Illi dwar l-**artikolu 23 (7) tal-Kap. 372** jinghad li dan jirreferi ghall terminu ta' hmistax il-gurnata mid-data tannotifka tal-avviz hemm indikat fl-istess Att sabiex persuna hekk notifikata tappella mill-istess permezz*

*ta' proceduri l-Qorti. Tenut kont tal-fatt li tali avviz intbaghat lir-rikorrenti fis-7 ta' Lulju 2005 (fol. 5) u r-rikors odjern sar fis-16 ta' Awissu 2005, mela allura jirrizulta li l-procedura odjerna ma tistax issa tikkontesta l-ittra ufficjali datata 1 ta' Awissu 2005, ghaliex tali avviz datat 7 ta' Lulju 2005, bin-nuqqas tar-rikorrenti li jikkontestah fit-terminu preskritt sar titolu sekuttiv skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 40 (b) ta-Kap. 372,** u l-ittra ufficjali saret biss skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 256 (2) tal-Kap. 12** ghall-esekuzzjoni ta' l-imsemmi titolu esekuttiv, liema esekuzzjoni ma tistax issir hlief ghall-anqas wara jumejn min notifika ta' sejha ta' hlas maghmula b'att gudizzjarju.*

*Mela allura skont dawn id-disposizzjoni r-rikorrenti issa ma jistax b'din il-procedura jostakola it-talba ghall hlas tattaxxa mitluba bl-istess ittra ufficjali u dan ghaliex dan setgha jaghmlu biss fit-terminu indikat fl-**artikolu 23 (7)** ikkalkulat min-notifika tal-istess avviz.*"

**15.** Di piu', mill-kontro-ezami tal-konvenut jirrisulta li fi ftit kliem anke hu jirrikonoxxi ukoll li l-ammont huwa dovut (a` fol 260). Ghall-ahjar apprezzament tal-fatti din il-Qorti thoss li ghandu jkun riportat:-

"**Dr. Sarah Vassallo:** Igifieri tikkonferma li ffirmajt dawk id-dokumenti u li konsegwentament dawk l-ammonti li huma indikati bhala FSS u Social

security Contributions li tnaqsu mis-salarji tal-impjegati effettivament tnaqsu skont id-dokument!

**Attur:** Fil-fatt, jekk ma jcemplulix huma, sa nhar l-Erbgha naqbad immur jiena, nara x'inhi s-somma dovuta ghax irrid nehlisha Jannar, Frar tal-2003. Ma rridx problemi tal-2003."

**16.** Ghalhekk wara li din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-principji legali involuti, thoss li l-Attur ma irnexxilux isostni l-azzjoni minnu maghmula.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa' r-raba' eccezzjoni** tal-Konvenut Kummissarju kif imfissra u spjegata fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2008 u konsegwentement **tichad** it-talbiet Attrici kif dedotti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-Attur.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**